VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,973, 9 ta' Ottubru, 2012
Taqsima B

A.L. 334 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(CAP. 460)
Ordni tal-2012 taħt l-Att dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-Approvazzjoni tad-Deċiżjoni li temenda t-Trattat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 taħt l-Att dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-Approvazzjoni tad-Deċiżjoni li temenda t-Trattat.

Tifsir.

2. F'din l-Ordni sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 460.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"id-Deċiżjoni Speċifikata" tfisser id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011 li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbilita għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/199/UE).

Id-Deċiżjoni Speċifikata għandha titqies ħaġa waħda mat-Trattat.

3. Għall-finijiet tal-artikolu 2(2) tal-Att, huwa b'dan dikjarat li d-Deċiżjoni Speċifikata għandha titqies ħaġa waħda mat-Trattat, waqt li jistqarr l-intendiment tiegħu li fejn it-Trattat jirreferi għall-istabbilità finanzjarja taż-Żona tal-Euro, dan għandu jiġi interpretat li jfisser kemm iż-Żona tal-Euro kollha kemm hi jew wieħed mill-Istati Membri, meħud għalih waħdu, hu x'inhu d-daqs tiegħu.